MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 271/1995/1

**Mark Pirotta bhala Direttur ghan-nom
u in rapprezentanza tas-socjeta' M. & A.
Tradesman Limited**

**vs**

**Sandro Pace Bonello u Maria
Assumpta Pace Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti l-bilanc minn ammont akbar ta' prezz tax-xoghol ta' installazzjoni eletrika li s-socjeta attrici ghamlet fuq inkarigu taghhom fil-fond taghhom 47, Triq Wilga, Paceville, San Giljan.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Novembru 1994 u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-avviz sad-data tal-eventwali hlas – kollha kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 21 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

(i) Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-ammont pretiz mhux dovut.

(ii) Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti fit-12 ta' Novembru 1996 (fol 19 ibid) minn din il-Qorti kif diversamnet presjeduta u li biha kien gie nominat William Cassar Torreggiani bhala espert tekniku bil-fakoltajiet moghtija lilu skond l-istess digriet.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 35 u a fol 58 ibid.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku annessa ma' dawn l-atti, doppjament, bil-verbali kollha relattivi.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed l-istess Mark Pirotta waqt il-perizja, liema xhieda tinsab annessa mal-verbali mehmuzin mal-istess relazzjoni, hu ikkonferma li l-ammont pretiz fl-avviz, kien ghadu dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma' xoghol ta' stallazjoni ta' "wire surface" fil-fond specifikat fl-istess avviz.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut, jidher li meta ssottometew l-eccezzjoni kif risultanti a fol 21 tal-atti, ma taw ebda raguni fuq basi ta' fatt jew ta' ligi sabiex jispjegaw ghaliex l-istess ammont ma kienx dovut. Fl-istess relazzjoni teknika jinghad li l-konvenuti ma urew ebda interess matul iz-zmien tal-kawza, "la dehru ghas-seduti mizmuma mill-

Perit Tekniku … u anqas fethu l-bieb tal-fond in kwistjoni, ghal tlett darbiet ….”.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur nomine is-somma ta’ Lm150.00,0 bl-imghax legali mill-17 ta’ Marzu 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta’ Novembru 1994.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------